MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**ANTONIO MIZZI**

Seduta tat-8 ta' Frar, 2006

Numru 866/2005

Il-Pulizija
(Sp Jesmond J. Borg)
vs
Charles Dimech, iben Salvu,
imwieled Ħaż-Żebbuġ fil-31 ta'
jannar, 1959

Il-Qorti,
Rat l-akkużi kontra l-imputat –
a. talli fit-12 ta' settembru, 2005 għal ħabta tat-3.15 p.m. fi Mdina Road, Żebbuġ mingħajr il-ħsieb li joqtol jew li jqiegħed il-ħajja ta' Jonathan Farrugia u ta' Melissa Buttigieg, iżda bil-ħsieb li jagħmel delitt, liema delitt hu ta' ħsara fil-ġisem jew fis-saħħa tagħhom, wera dan il-ħsieb b'atti esterni u ta bidu għall-esekuzzjoni tad-delitt, liema delitt ma ġiex esegwit minħabba xi ħaġa aċċidentali u indipendenti mill-volonta' tiegħu;

b. talli fl-istess ħin, lok u ċirkostanżi volontarjament ħassar, għamel ħsara jew għarraq ħwejjeġ ħaddieħor, mobbli jew immobbli, u cioe' vettura tal-marka Hyundai, bin-numru tar-reġistrazzjoni GRC 001, liema ħsara tiskorri l-ħamsin lira maltin (Lm50) iżda anqas minn ħames mitt lira maltin (Lm500) għad-dannu ta' Jonathan Farrugia;
c. talli fl-istess ħin, lok u ċirkostanżi kkaġuna feriti ta' natura ħafifa fuq il-persuni ta' Jonathan Farrugia u Melissa Buttigieg;
d. talli fl-istess data, ħin u lok kellu f'idejh jew fuqu sikkina, ta' kull xorta li tkun, b'xafra bil-ponta jew strument ieħor bil-ponta mingħajr liċenzja tal-Kummissarju tal-Pulizija;
e. talli ħebb kontra l-persuni ta' Jonathan Farrugia u Melissa Buttigieg sabiex jinġurjhom, idejjaqhom jew jagħmel ħsara lil dawn il-persuni jew lil ħaddieħor;
f. talli hedded jew inġurja lil ħaddieħor;
g. talli qal kliem ħażin jew oxxen fil-pubbliku;

Rat in-nota tal-Avukat Ġenerali fejn ta l-kunsens tiegħu biex dan il-każ jiġi trattat bi proċedura sommarja.

Semgħet il-provi.

Rat il-verbal tas-seduta tat-8 ta' frar, 2006 fejn l-imputat ħallas lill-'parte civile' is-somma ta' Lm140 għas-saldu tad-danni li hu għamel fil-karozza hawn fuq indikata.

Rat il-verbal tas-seduta tat-8 ta' frar, 2006 fejn l-imputat ammetta l-akkużi kollha miġjuba kontra tiegħu bl-eċċezzjoni ta' l-ewwel akkuża.

Semgħet lill-avukat ta' l-imputat u lill-prosekuzzjoni dwar l-ewwel akkuża u dwar
il-piena.

Għaldaqstant, ma ssibx lill-imputat ħati tal-ewwel akkuża miġjuba kontra tiegħu minħabba nuqqas ta' provi u għalhekk tilliberah mill-istess akkuża. Issibu ħati tal-akkużi l-oħra kollha. Rat l-artikoli 221(1), 325(1)(b), 338(bb) u 339(1)(d) tal-Kodiċi Kriminali u l-artikolu 13(1) tal-Kapitolu 66 tal-Liġijiet ta' Malta u tikkundannah għal ħlas ta' multa ta' mitejn lira maltin (Lm200). Minbarra dan,

rat l-artikolu 383 tal-Kodiċi Kriminali u torbot lill-imputat taħt penali ta’ mitt lira maltin (lm100) għal perjodu ta’ sena li ma jkellimx jew jimmolesta lil Jonathan Farrugia u Melissa Buttigieg.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------